MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 179/2004

**Jolico Limited**
**Vs**
**Sebastiano u Patricia konjugi Calabretta.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta Jannar 2004 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti solidalment bejniethom jigu kkundannati jhalsuha s-somma ta hames mija u tletin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm530.32) rapprezentanti prezz ta merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata gewwa l-M4 Pharmacy, H'Attard.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta Marzu 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti  prezentata fit-28 ta April 2004 fejn il-konvenut Sebastiano Calabretta qed jikkontesta t-talba ghal hlas fil-konfront tieghu stante li se main tali

pagament huwa dovut minn socjeta kummercjali u mhux minnu di proprio filwaqt li martu tikkontesta l-istess talba tas-socjet attrici fil-konfront taghha fis-sens li hi ma kellha x'taqsam xejn max-xiri ta merkanzija ghall-ispizerija M4;

Ra l-provi prodotti fosthom ix-xhieda tal-kontendenti u d-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici partikolarment il-kopja tac-cheque li jinsab esebit a fol 15 tal-process;

Ikkunsidra

Illi dan il-kaz huwa bbazat kollu fuq il-kwistjoni dwar min hija l-persuna tassew debitrici tas-socjeta attrici u cioe jekk humiex il-konvenuti fl-imkien u solidalment bejniethom – jekk hux wiehed jew wahda mill-konvenuti – jew jekk hiex socjeta kummercjali – kif qed jigi allegat mill-konvenut Sebastiano Calabretta. Dan qed jinghad peress illi l-konvenut Sebastiano Calabretta stess ighid illi li c-cheque mahrug minnu u ffirmat minnu fuq il-kont bankarju li kien jithaddem ghal M4 baqa ma ssarrafx. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-ammont mitlub huwa fil-fatt dovut.

Illi l-konsenja in kwistjoni kienet intiza ghal spizerija bl-isem ta M4. Illi din hina semplici isem ta ditta u ghalhekk ma ghandhiex persuna guridika indipendenti ghaliha nfissa. Ditta tista tigi gestitia jew minn persuna fisika jew minn socjeta kummercjali b'responsabbilita limitata kif fil-fatt qed jallega l-konvenut. Illi ghalkemm il-konvenut ighid li tali fond kummercjali jinsab gestit u mmexxi minn socjeta bl-isem ta Oesedet, huwa ma jgib ebda prova in sostenn ta tali allegazzjoni. Pero huwa stess jikkonferma li c-cheque in kwistjoni kien mahrug fuq ktieb intestat fuq isem l-imsemmija ditta u li liema cheque li jaqbel ma ssarrafx kien jinsab iffirmat minnu stess. Il-Mara tal-konvenut Patricia Calabretta tkompli tghid li kien ir-ragel taghha li kien imexxi l-ispizerija fis-sens li l-gestjoni kienet f'idejh. Tikkonferma wkoll li l-firma fuq ic-cheque kienet tar-ragel taghha. John Mangion prodott mis-socjeta attrici jghid illi fir-rigward tal-ispizerija in kwistjoni huma dejjem innegozja mal-konvenut Sebastiano Calabretta di persona u li dejjem tkellem mieghu anke dwar dan il-pagament de

quo. Inoltre jghid ukoll li huwa qatt ma sema bl-ezistenza tas-socjeta Oxedette Limited.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundannhom in solidum bejniethom jhalsuha s-somma ta hames mija u tletin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm530.32). Bl-ispejjes ta dina l-istanza u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------